MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 526/2003

***Euro Freight Services Limited***

***vs***

***Aluminium Extrusions Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta’ Marzu, 2003, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm525.62) rappresentanti bilanc minn prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Jannar 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-avukat Dr. George Said ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm525.62), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2003, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------